**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IS-SEBGHA KUNSILL 2015-2018**

**SEDUTA NUMRU 23**

**IL-HAMIS 16 TA'GUNJU 2016 FIL-5PM FL-UFFIĊĊJU AMINISTRATTIV TAL-KUNSILL**

**PREŻENTI:**

**Is-Sinjuri:**

| | |
|---|---|
| NOEL MUSCAT | SINDKU |
| JUSTIN FENECH | VICI- SINDKU |
| MARY ANNE ABELA | KUNSILLIER |
| ALEX CHETCUTI | KUNSILLIER – 6.00PM |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| THERESA VALENTINO | KUNSILLIER |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |

**Il-Kunsillier M. Miceli talab sabiex jigi skuzat minhabba li aktar kmieni din il-gimgha kien jinsab rikoverat l-isptar minhabba operazzjoni.**

**Is- Sindku qal it-talba.**

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-Minuti tas-Seduti Nru. 21 u 22 gew approvati. Il-Kunsillier P. Fenech ippropona fil-waqt li l-Kunsillier T. Valentino ssekondat.

## II PUNTI LI JOHORGU MILL-MINUTI

**Seduta Nru. 21**

1. Il-Kunsillier M. Fava staqsa jekk kienx hemm xi zvillupi godda dwar l-amministrazzjoni u l-uzu ta' tennis court fi Triq il-Hemel. Il-Vici Sindku nforma li f'zewg okkazjonijiet huwa flimkien mas-Sindku iltaqghu ma' 3 persuni li urew ix-xewqa li jamministraw b'mod professjonali dawn il-faciltajiet. Huwa nforma wkoll fil-jiem li gejjin dan il-process se jkun ffinalizat kompletament. Sar qbil ukoll li dwar din il-materja, ssir laqgha mad- Dipartiment tal-Gvern Lokali biex jigu ccarati xi punti mportanti.

2. Il-Kunsillier T. Valentino staqsiet dwar meta se jigi nstallat railing mal-hajt tat-tarag li jaghti ghas-sala ta' Centru Civiku kif ukoll ghal dawk it-turgien li hemm biex taccessa l-gnien ta' Centru Civiku. Is- Segretarju Ezekuttiv informa li wara gabar kwotazzjoni li tammonta ghal €700.00. Wara diskuzzjoni, gie deciz li ghandha tintghazel din l-offerta' u li x-xoghol ghandu jsir minnufih sabiex intejjbu l-accesibilta'.

3. Il-Kunsillier T. Valentino nfurmat li qed jigi inuttat li ta' spiss il-facilitajiet sanitarji li hemm fil-gnien pubbliku ta' Centru Civiku qed jinzammu nodfa u attrazati bl-affarijiet neccessarji. Is- Segretraju Ezekuttiv informa li l-Handyman tal-Kunsill qieghed inaddaf dawn il-facilitajit kull filghodu u kull meta jkun hemm il-bzonn.

4. Il-Kunsillier T.Valentino staqsiet jekk hemmx xi indikazzjoni dwar meta se jigu nstallati t-tabelli li juru indikazzjoni fejn hu l-bini tal-Kunsill. Is- Segretarju Ezekuttiv nforma li jehtieg li jigu ndikati l-postijiet ta' fejn se jigu allokati dawn it-tabelli. Il-Kunsillier T. Valentino infurmat li fis-seduta li jmiss se tipproponi xi postijiet.

5. B' referenza ghall-ittra li l-Kunsill ircieva minn naha ta' TM dwar is-sigurta' ta' min jkun ghaddej bil-miexi minn taht il-mini fi Triq is-Swieqi; il-Kunsillier T. Valentino nfurmat li hija ma taqbilx kompletament ma' l-ahhar paragrafu ta' din l-ittra. Wara diskuzzjoni twila, sar qbil li tahjt dawn il-mini fuq kull naha issiru cat-eyes fuq iz-zewg nahat li jindikaw il-passagg fejn jistghu jimxu l-pubbliku.

**HUGH ZAMMIT** — **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** — **SINDKU**

**II PUNTI LI JOHORGU MILL-MINUTI – ikomplu**

6. Il-Kunsillier A.Curmi staqsa jekk kienx hemm xi zvillupi godda minn naha ta' l-ETC dwar il-Community Work Scheme. Is- Segretarju Ezekuttiv informa li sfortunatament s'issa, il-Kunsill ghadu bla ebda risposta. Il-Kunsillier M. Fava ssugerixxa sabiex tintbaghat ittra ohra lis-Sur C. Caruana dwar din il-materja.

7. Il-Kunsillier A. Curmi staqsa jekk intbaghtix ittra lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar il-proposta li ghamel dan il-Kunsill sabiex jkun parti mir-Regjun Centrali flok dk ta' Tramuntana. Is- Segretarju Ezekuttiv wiegeb li din l-ittra intbaghtet lill-Ministru kkoncernat. Il-Kunsillier M. Fava staqsa sabiex jinghat reminder.

**Seduta Nru. 22**

1. Il-Kunsillier M. Fava ipprezenta rapport dwar l-artijiet li kienu meqjusa ODZ u idahhlu fiz-zona ta' l-izvillup fis-sena 2006. Dan ir-rapport jinkludi ittra kif ukoll pjanti ta' dawn il-postijiet. Rigward dan is-suggett, is-Sindku sostna li l-Awtoirta ta' l-Ippjanar ghandha tezercita dawn ir-regolamenti u fil-passat saru xi zbalji, danw m'ghandhomx jergghu jsiru. (App.A)

2. Il-Kunsillier T. Valentino infurmat b'cint imgarraf perikoluz go Triq id-Dies fil-Madliena. Hija rrapurtat li dan hu perikoluz hafna u hu eminenti li taq' xi vettura fil-wied gholi ta' madwar 2 sulari. Hi staqsiet biex it-tiswijiet fuq dan ic-cint issiru mill-aktar fis sabiex tigi evitata kull dizgrazzja. Is-Segretarju Ezekuttiv nforma li hu ga jaf b'dan il-periklu u fil-fatt diga' gabar kwotazzjoni li se jkunu prezentati waqt din is-Seduta. Minhabba li l-kuntratt tal-patching u manutenzjoni huwa maghluq, il-Kunsill irrakomonda li ghandha tintgahzel l-irhas kwotazzjoni. Il-Kunsill talab sabiex danw ix-xoghljiet issiru mill-aktar fis.

**III RAPPORT MIS-SINDKU**

1. Is- Sindku pprezenta rapport idettaljat tal-hidma u l-laqghat li kellu mill-ahhar Seduta. Dan ir-rapport se jkun aness ma'dawn il-Minuti bhala App.B.

2. Huwa nforma li ricentament kellu laqgha ma'ufficjali ta' l-Awtorita ta' l-Ippjanar dwar il-hrug ta'vetturi miz-zona ta' l-ex Forum Hotel. Huwa rega' rrimarka li hemm bzonn li tinstab soluzzjoni iktar effettiva u iktar sigura mill-aktar fis qabel ma jsehh xi accident fatali. Il-Kunsillier M.Fava ssugerixxa sabiex issir laqgha mal-Periti ta' TM li huma nvoluti f'dan il-progett.

## III RAPPORT MIS-SINDKU

3. B'referenza ghat-tibdil propost fil-gnien pubbliku fiz-zona ta' Victoria Gardens, huwa issugerixxa sabiex dan il-gnien jissemma ghall-Esprit Barthet. Wara diskuzzjoni, b'mod unanimu dawk prezenti qablu kemm ma' tibdil propost kif ukoll ma'l-isem maghzul. Is- Segretarju Ezekuttiv ha l-inkairgu sabiex jordnaw it-tabelli bl-isem tya' dan il-gnien.

4. Rigward it-tibdil li sar minn naha ta' l-Awtorita ta' l-Ippjanar fin-North Harbour Local Plan, is-Sindku informa li dan it-tibdil jinkludi ukoll iz-zona Ta' Stronka u l-Medical Stores fil-Madliena. Wara diskuzzjoni, gie deciz li tigi organizzata laqgha mal-membri kollha tal-Kumitat Amministrattiv tal-Madliena rigward din il-materja. Gie deciz li din il-laqgha ssir nhar it-22 ta'Gunu 2016 fl-10.30am.Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Is- Sindku nforma li fis-seduta li jmiss, huwa se jghati iktar informazzjoni dwar din il-materja.

Il-Kunsillier P. Fenech talab sabiex jigi skuzat. Il-hin kien 20.10.

## IV MOZZJONI MRESSQA MILL-KUNSILLIER M. FAVA (Ref: 1/16)

Il-Kunsillier M. Fava qara u spjega fid-dettal il-mozzjoni li hu ressaq, isskondat mill-Kunsillier A. Chetcuti. Din il-mozzjoni titratta dwar l-agir mill-membru tal-Kumitat Amministrattiv tal-Madlien, is- Sur G. Leone Ganado. (mozzjoni anessa – App,C)

Is-Sindku pprezenta rraport idettaljat dwar din l-istess mozzjoni (App.D)

Wara diskuzzjoni twila, is-Sindku ordna li jittiehed vot. Din il-mozzjoni m'ghadditx b'hames voti kontra u 2 favur. I

## V APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI U XIRI IEHOR

Giet pprezentata l-iskeda tal pagamenti nru.19, u wara li saru xi aggustamenti hekk kif mitlub fl-email tal-Kunsillier A. Curmi (mehmuz bhala App.E), hadd ma ogezzjona u ghaldaqstant dawn il-pagamenti kollha gew approvati. Il-Kunsillier A. Curmi ppropona u s-Sindku ssekonda.

**HUGH ZAMMIT** — **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** — **SINDKU**

## VI KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EZEKUTTIV

**1.** Is- Segretarju Ezekuttiv ressaq il-kwotazzjonijiet li dan il-Kunsill ircieva ghall-assiguraazzjoni tal-Kunsill.

| No | Tenderer | Price € |
|---|---|---|
| 1 | MIB Malta Ltd | For 1 year – 3065.40<br>For 3 years - 2888.73 |
| 2 | Island Insurance Brokers | For 1 year – 4125.35 |
| | | |

Wara diskuzzjoni, gie deciz li l-polza ta' assigurazzjoni terga' tinghata lill-MIB Malta Ltd u sabiex din tkun iktar vantaggjuza, il-Kunsill ghandu jaghzel l-offerta ghall-tlett snin. Il-Vici Ssindku ppropona u l-Kunsillier T. Valentino issekondat.

2. Is- Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall-attenzjonital-Kunsill, ittra mid-Dipartimenttal-Gvern Lokali dwar id-defecit li l-Kunsill irregistra fi tmiem is-sena 2015. Huwa informa ssabiex ma jsirux aktar xoghlijiet ghajr dawk dawk marbutin b'kuntratti. Il-Kunsill gie nfurmat ukoll li dwar din is-sitwazzjoni se ssir laqgha ma' Direttur ta' l-istess Dipartiment fil-jiem li gejjin.

3. Is- Segretarju Ezekuttiv informa li persuna rrapurtat hsara fir-rota tal-vettura taghha waqt li kienet qed tipparkja biswiet il-Kunsill. Hi rrapurtat li dil-hsara giet ikkagunata minn kurudna ftit mkissra. Hu esebixxa wkoll ritratti tal-bankina li kienet ftit mkissra. Wara diskuzzjoni, il-Kunsill unanimament qabel li ma jaqblix li ghandu jinghata kumpens ghal dawn il-hsarat peress li jhoss li din il-hsara setghet giet evitata li kieku is-sewwieq ma baqa diehel gol-kurduna.

Minhabba li kien sar il-hin u xi Kunsillieri ma setghux jibqghu, din is-Seduat kellha tigi aggornata ghal is- 6 ta' Lulju 2016 fil-17:00. Kien hemm qbil unanimu minn dawk przenti.
Il-hin kien 20.30

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** **SINDKU**